**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 354/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Adem Djouambi**

**Illum, 5 ta' Marzu ,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, **Adem Djouambi** detenur tan-numru tal-Pulizija **20B-033** akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-15 ta' Frar 2023 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (15:00hrs) minn Gewwa l-istabbiliment 'Sunlab' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' nuccali tax-xemx tal-marka 'Ray Ban', ghad-detriment ta' Cynthia Ciappara u / jew persuni jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli, nhar l-4 ta' Mejju 2023 bejn nofsinhar u s-siegha ta' wara nofsinhar (12:00hrs – 13:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment 'Sunlab' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta u f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' nuċċali tax-xemx

tal-marka 'David Beckham', għad-detriment ta' Charmaine Cassar u / jew persuni jew entitajiet oħra;

3. Kif ukoll talli, nhar is-7 ta' Mejju 2023 bejn it-tmienja u kwart ta' bil-lejl u d-disa' nieqsin kwart ta' bil-lejl (20:15 hrs – 20:45 hrs) minn ġewwa l-istabbiliment San Giovanni li jinsab f'Misraħ San Ġwann l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' basket tad-ditta 'Nike' għad-detriment ta' Rachel Deguara Kljajic u / jew persuni jew entitajiet oħra, liema serq hu aggravat bil-ħin;

4. Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-7 ta' Mejju 2023 u t-8 ta' Mejju 2023 għal ħabta ta' nofs il-lejl (00:00) minn ġewwa Triq l-Arċisqof l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' mobile phone tad-ditta iphone 11 għad-detriment ta' Anthony Cutajar u jew persuni jew entitajiet oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur;

5. Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' Conditional Discharge mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D, nhar it-22 t'April 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi, irrenda ruħu reċidiv a terminu talArtikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Mejju,2023, fejn li sabet lill- appellant fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati

tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u in segwitu ikkundannat lill-appellant għal erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

In oltre kwantu għall-ħames imputazzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), l-Artikolu 284, l-Artikolu 285, l-Artikolu 31(1)(b), tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fost disposizzjonijiet oħra tal-Liġi, sabet lil appellant ħati tal-istess imputazzjoni fuq ammissjoni tiegħu stess, u kkundannatu għal priġunerija effettiva ta' erba' (4) xhur.

Rat ukoll li l-ewwel Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22(4) tal-Liġijiet ta' Malta u a bażi tal-fatt li jirriżulta ċar, anke fuq ammissjoni tal-imputat qua appellant li huwa kiser il-kundizzjoni imposta fuqu ai termini tas-sentenza imsemmija aktar 'fuq mogħtija fil-konfront tiegħu stess nhar it-22 ta' April 2023 dik l-ewwel Qorti temmet il-liberazzjoni kondizzjonata.

Stante li ma kien hemm ebda esperti jew periti mqabbda in konnessjoni mal-kawża, l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In oltre ddikjarat lill-imputat illum appellant bħala immigrant projbit ai termini tal-Artikolu 5 (2) (d) u l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Imigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu fil-liġi jassigura li l-imputat jiġi deportat minn dawn il-gżejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Adem Djouambi, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Settembru 2023 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi fl-ewwel lok, l-appellanti jaghmel referenza ghal piena inflitta fuqhu mill-ewwel Onorabbli Qorti, liema piena kumplessivament tilhaq kwazi hames (5) snin prigunerija. Jigi rilevat li l-appellant ghalkemm huwa recidiv, ma ghandux fedina penali refrattarja, u inoltre, ikkopera bi shih ma' l-awtoritajiet investigattivi, b'dan li huwa irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, u ma heliex hin prezzjuz tal-Qorti.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuq l-appellant, li huwa guvni ta' sitta u ghoxrin sena, kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta'dak sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta;

F'dan is-sens, fl-umli fehma ta 'l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta 'gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta ' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta 'l-Onorabbli Qorti ta ' l-Appell Kriminali, datata 25 ta 'April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; **Il-Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta 'prigunerija ta 'sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta 'servizz fil-komunita a tenur ta 'l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza l-**Pulizja vs Carmen Buttler**, deciza mill-Qorti ta 'l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta 'Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta 'Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-ewwel Qorti,

tkun naqset milli tati importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta '**Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta 'Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta 'bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta 'natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta'Probation.

F'dan il-kaz partikolari, ghal finijiet ta 'piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta 'abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba 'snin… li tul dawn l-ahhar erba 'snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega 'qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe 'ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita 'sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta 'l-Appell fid-9 ta 'Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, għalkemm huwa veru li qorti għandha dejjem toqgħod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni tagħha b'applikazzjoni tagħhom bl-addocc u mingħajr ma tieħu kont xieraq tal-antecedenti penali ta 'dak li jkun, mill-banda l-oħra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement ingħatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'għandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga 'tingħata probation jew conditional discharge jew tiġi applikata fil-konfront tagħha xi mizura oħra taħt il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza tagħha tat-18 ta 'Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia:*

*"Issa, huwa veru li l-appellat għandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bħalha. Bizzejjed jingħad li dina l-fedina penali tieħu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum għandu erbgħin sena, u f'dawn l-erbgħin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta ' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebgħin u fil-bidu tassnin disgħin meta l-qrati applikaw fil-konfront tiegħu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u ħabs..."Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma 'l-Avukat Generali fejn dan jgħid li s-sitwazzjoni ta 'l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta 'irriversibilita` assoluta – anqas ma tista 'din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta 'l-Avukat Generali li Ordni ta 'Probation hu indikat biss għal "first offenders" zgħazagħ. <u>Anke fil-kaz ta 'persuna ta 'eta` mhux zgħira u li forsi hu recidiv, tista 'titfacca fil-ħajja ta 'dik il-persuna a window of opportunity li permezz tagħha jkun jista ' jinkiser ic-ciklu ta 'kundanni u ta 'prigunerija.</u>*

Tenut kont tal-premess, ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt m 'ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru. Qed issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo***:*

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muwhiex wiehed ta 'tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m 'ghandhiex isservi bhala xi forma ta ' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta 'dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta 'persuni li b 'ghemilhom juru li huma ta 'minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta 'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta 'deterrent generali. Il-Qrati ta ' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*
>
> *Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta 'liema, skond ic-cirkostanzi ta 'kull kaz, tipprova ssib dak il- bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anton Vassallo deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta 'Jannar, 2013*** intqal is-segwenti:

*Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta ' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta 'persuni li b 'ghemilhom juru li huma ta 'minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta 'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta 'deterrent generali. Il-Qrati ta 'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal- piena."*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl- ghajnuna ta 'ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta 'servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta 'kumpens, l-appellant/l- appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta 'probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta 'supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

L-appellant jagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t 'Ottubru 2019 fl-ismijiet*** **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'** fejn gie kkunsidrat li:

*Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa 'fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t 'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone 's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive 'has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal 's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual*

*judges '(emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle '. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle ') words to the effect that the sentence was 'excessive 'or ' manifestly excessive '. This does not, however, cast any doubt on Channell J 's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a)Retributtiv;*

*(b)Preventiv;*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita 'tagħha.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista 'tingħata toħloq f 'moħħ is-soċjeta, b 'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t 'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta 'natura ġenerali u l-iehor ta 'natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista ' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b 'mod li darb 'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda 'titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b 'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta 'delinkwenza b 'konsegwenzi nefasti għall-*

*interessi tal-kollettivita '. Is- socjeta allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall- ezistenza pacifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm* *<u>l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u>* *tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghas-socjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta 'riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata 'mir-ragunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill- gdid u ma jibqax aktar ta 'theddida ghas- socjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F 'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista 'jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b 'mod li ghalhekk ikun jista 'jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jizviluppa t-talenti u l- abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu u jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawza b 'eghmilu. F 'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva. '*

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Settembru, 2024 fejn in sintezi stqarret li una volta li l-piena inflitta taqa' fil-parametri tal-liġi din l-Onorabbli m'għandhiex tiddisturba il-ġudizzju milqugħ mill-ewwel Qorti.

Rat il-verbal tal-Qorti ta' nhar it-28 ta' Settembru 2023 fejn l-avukat difensur tal-appellant talab li jiġi nominat Uffiċjal tal-Probabtion sabiex iħejji *pre-sentencing report* u rat li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2023 l-avukat difensur talab sabiex l-Uffiċjal tal-Probabtion jieħu in konsiderazzjoni ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Investigattiv.

Rat li l-Avukat Ġenerali ma oġġezzjonax għal tali talba kif verbalizzat waqt is-seduta tat-3 ta' Oottubru 2023 u dakinhar il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiza.

Rat ix-xhieda mogħtija mill-**Ispettur Keith Xerri** nhar it-3 ta' Ottubru 2023 li kkonferma li huwa kien irċieva l-ammonti dovuti lill-partijiet ċivili skond l-ordni mogħtija mill-Qorti u kien ser jgħaddihom lill-vittmi. Qal li l-ammont li kien irċieva huwa l-istess ammont li kien ġiet kkundannat iħallas l-appellant bħala kumpens mill-ewwel Qorti u għalhekk tali ħlas sar pendenti l-proċeduri quddiem din il-Qorti ta' l-appell.

Rat ix-xhieda moghtija mill-I**spettur Gabriel Micallef** nhar it-3 ta' Ottubru 2023**.** Ikkonferma li kien għadu kif ġie mgħoddi żewġ ċekkijiet wieħed għal Charmaine Cassar u l-ieħor għal Cynthia Ciappara. Ikkonferma li dawn iż-żewġ nisa huma il-*parte civile* tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni**.** Dwar it-tielet vittma u cioe Rachelle Degaure jgħid li huwa għamel diversi tentattivi biex jipprova jara kemm kienu d-danni li sofriet pero ma kienitx f'posizzjoni li tgħidlu. Dwar ir-raba imputazzjoni fejn il-vittma huwa Anthony Cutajar jgħid li dan insteraqlu l-iPhone u dan ġie ritornat lilu ukoll u dan qabel ma bdew il-proċeduri odjerni.

Rat ix-xhieda tal-**Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina** u ppreżentat ir-rapport tagħha. Ikkonfermat li minn eżami tal-fedina penali tal-appellant jirriżulta li l-appellant kellu *conviction* waħda f'April 2023 relatat mal-akkuża ta' serq. Tgħid li l-appellant ilu hawn Malta sa mis-sena 2019 u aċċess għal fedina tiegħu anteċidenti m'għandhiex. Tgħid li sar kuntatt mal-vittma Anthony Cutajar ta' dan il-każ u fil-fatt kkonfermalha li kien ħa lura l-affarijiet li kienu insterqulu. Qalet li l-appellant m'għandux support hawn Malta għaliex il-familjari tiegħu jinsabu kollha l-Alġerija. Tkellmet ukoll mal-Psikolga tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u irriżultalha li kienu preookkupati għal fatt li l-appellant jieħu ħafna mediċina psikotropika u dejjem jitlob li jingħata doża iktar

qawwija. Fil-fatt tgħid li anke ikollu battibekki mal-Psikjatra tal-ħabs Dr Joseph Saliba f'dan ir-rigward.

Tikkonferma li ma irriżultalhiex li l-appellant għandu xi kundizzjoni medika. Meta kien l-Alġerija kien qala daqqa ta' sikkina u jieħu xi *medication* dwar dan, li kienet ġiet preskritta lilu meta kien ġewwa Franza. Tgħid li l-appellant qallha li m'għandux problema tat-tehid ta' droga u qatt ma kellu kuntatt mal-Aġenzija tad-Droga. Pero meta daħal il-ħabs f'Mejju 2023 kien posittiv kemm għad-droga Kannabis kif ukoll għad-droga Kokaina. Mistoqsija jekk affrontatux b'dan tgħid twieġeb fin-negattiv. Tgħid li iltaqgħet miegħu fi tlett okkażżjonijiet.

Semgħet il-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024.

**Ikkunsidrat.**

Illi dan l-appell huwa limitat għal piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi dik il-piena kif kominata mhix waħda idonea għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

L-appellant jikkritika l-piena erogata anke permezz ta' sentenzi ta' din il-Qorti li, iżda, ma għandhom l-ebda relevanza għal-każ in diżamina għaliex jirreferu għall-dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-Qorti jkun jeħtieġilha tagħmel eżami approfondit tal-fatti mill-ġdid sabiex ikun aċċertat li l-ewwel Qorti qabilha setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Dan ma huwiex il-każ odjern fejn l-appellant instab ħati fuq ammissjoni tiegħu stess. Dak li din il-Qorti issa trid teżamina hu jekk l-ewwel Qorti setgħetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun ċerta li tali piena kienet fil-parametri tal-liġi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni fdata f'idejn l-ewwel Qorti.

L-ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet korretti u validi qabel ma erogat il-piena. Ħadet qies ukoll ta' dak li jiddisponi l-artikolu 17(b)) tal-Kodiċi Kriminali sabiex l-imputat ma jkunx inġustament ikkundannat għall-piena 'l hinn minn dik erogabbli u

qabel ma waslet għall-konkluzzjoni tagħha ħadet kont ukoll tas-segwenti:-

1. l-ammissjoni tal-appellant fi stadju bikri tal-proċeduri.

2. Il-fatt li ftit granet qabel ma kkommetta uħud mir-reati li bih hu ġie akkużat fl-istess kawża odjerna kien għadu kif ingħata opportunita sabiex jirregola ruħu u jaqbad it-triq is-sewwa cio nonnostante spiċċa quddiem l-ewwel Qorti akkużat b'numru ta' serqiet kif indikati supra fejn saħansitra anke irreġistra ammissjoni.

Issa jiġi imfakkar kif spjegat supra illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ha u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha minn dik li tkun ingħatat.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid</u>** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti: -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi* ***<u>kollha</u>*** *biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas*

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-

piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Ammissjoni bikrija mbagħad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[1]).

Illi dwar l-ammissjoni u l-konsegwenzi tagħha, l-esponenti jirreferi għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Annabelle Camilleri*** (deciza fil-15 ta' Settembru 2022), fejn intqal:

> *"6. Ikun biss wara li l-imputat ikun rega' tenna l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu li l-Qorti tkun tista' mbaghad tghaddi ghas-sentenza. Jigi ribadit li din mhix semplici formalita' izda rekwizit essenzjali fil-process penali peress li jassikura li l-imputat - qabel ma jibda jiskonta l-piena li l-Qorti imbaghad bilfors tkun trid timponi fuqu ghar-reati li jkun ammetta ghalihom – ikun deciz f'dik l-ammissjoni tieghu ghaliex gjaladarba dik l-ammissjoni tigi mtennija din tigi irregistrata fl-atti tal-kawza skont l-Artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali u minn dak il-mument il-quddiem dik l-ammissjoni titqies bhala l-aqwa prova tal-htija tal-imputat ghar-reati li jkun gie mixli bihom.*
>
> *7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jgib mieghu is-sejbien ta' htija tal-imputat ghal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta ghalihom inkondizzjonatament. F'kaz fejn ma jkunx ammetta ghall-imputazzjonijiet b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipprocedi biex tkompli ghaddejja bis-smiegh tal-kawza fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati. Izda meta l-ammissjoni tkun registrata b'mod inkondizzjonat, l-ammissjoni registrata legalment titqies il-"prova regina" tal-htija tal-imputat ghar-reati u addebiti migjuba kontrih – u li taghhom ikun imbaghad soggett ghall-piena li l-Qorti tal-Magistrati jkun jidhrilha xierqa li timponi f'dak il-kaz partikolari. B'dik l-ammissjoni, meta registrata skont il-Ligi, l-imputat ikun qieghed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkuzatorju u*

[1] Deciza mill-Qorti tal-appelli Kriminali nahr it-2 ta' Dicembru 2005

*fil-kaz li jkun addebitat bir-recidiva (jew ksur ta' ordni ta' probation, ksur ta' digriet koncedenti helsien mill-arrest, twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza eccetra) l-imputat ikun ukoll accetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien, f'dak il-mument, qed iwettaq ir-reat kif kwalifikat bl-addebitu tar-recidiva, ksur ta' ordni ta' probation, eccetra.*

*8. Bl-att tal-ammissjoni tieghu l-imputat ikun qieghed jezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi ghall-fini ta' sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni hielsa imtennija tieghu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu gew kontestati lilu.*

*9. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jigi kontestat lilu, huwa hieles li ma jammettix u l-kaz ikompli bil-procedura normali. Izda galadarba l-imputat ikun liberament u bl-gharfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-recidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-recidiva u din l-ammissjoni tkun giet imtennija, allura ftit hemm xi tghid izjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-htija tieghu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqghod ghall-piena skont il-Ligi."*

Il-ġurisprudenza prevalenti fil-kuntest ta' tibdil ta' piena mill-Qorti tal-Appell, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi **kollha** li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi

fis-sentenza citata mill-istess appellant ta' **Butler**[2] fejn din anke tqis, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.
Din is-sentenza tipprovdi li: -

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- Page 11 of 12 piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Jinghad li f'dan il-każ din il-Qorti hija rinfaċċjata b'ċertu fatti li ma kienux a konjizzjoni tal-ewwel Qorti. Jirriżulta minn dak li xehdu l-Ispettur Keith Xerri u Gabriel Micallef li l-appellant fil-mori ta' dan l-appell ikkumpensa lil-vittmi skond id-direzzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Jirriżulta li r-*res furtiva* u cioe l-iPhone li ġie msiruq ġie ritornat lil sidu leġittimu Anthony Cutajar minnufih u cioe fi stadju tal-investigazzjoni. Irriżulta li għalkemm l-appellant hu akkużat b'diversi serqiet tnejn minnhom huma serq sempliċi waqt li l-oħra hija aggravata bil-ħin u bil-valur *essendo* iPhone li ġie ritornat lis-sid qabel ma ġew inizjati dawn il-proċeduri. Għalhekk dawn huma ċirkostanzi ġodda li din il-Qorti sejra tqis meta tiġi biex tikkunsidra jekk għandhiex tvarja il-piena imposta.

Dwar ir-reċidiva jirriżulta ukoll li l-appellant irreġistra ammissjoni u b'hekk eżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009

jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Pero f'dan il-każ minkejja li ma ġietx esebita is-sentenza tal-Qorti imsemmija fil-ħames akkuża minn qari tal-fedina penali jirriżulta li huwa kien ingħata '*conditional discharge* għal tlett snin u għalhekk jista jgħati l-każ li fil-fatt lanqas huwa reċidiv pero una volta l-Qorti għandha din l-ammissjoni tiegħu u m'għandhiex esebit is-sentenza tqis li l-akkuża tar-reċidiva tirriżulta ukoll.

Min naħa l-oħra din il-Qorti tara li l-appellant huwa barrani li ġie f'pajjiżna u ma hux qed josserva il-liġi domestika. Mhux hekk biss iżda l-Qorti kienet propensa ittieħ l-opportunita li jbiddel ħajtu u jaqbad it-triq it-tajba lil hinn mill-ħajja ta' kriminalita u dan għaliex minflok ma kkundannatu għal sentenza ta' priġunerija dwar l-akkużi li sabitu ħati tagħhom nhar it-22 ta' April 2023 iddeċidiet li ttih *conditional discharge* pero ta' dan ma kienx rikonoxxenti u mhux hekk biss iżda sfida l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u reġa' kiser dufrejh mal-liġi u qiegħed hawn iwieġeb għall-akkużi odjerni.

In vista tas-suespost u għar-ragunijiet mogħtija *supra* din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena mogħtija f'dawn iċ-ċirkostanzi prodotti quddiem din il-Qorti hija waħda eċċessiva u **għalhekk qed tirriduċi l-perijodu ta' priġunerija minn erbgħa snin u nofs għal tlettin xahar.** Dwar il-ħames akkuża qed tibgħat lill-appellant quddiem dik il-Qorti li kienet tatu *conditional discharge* biex jiġi ġudikat mill-ġdid ai fini ta' dawk l-akkużi misjuba ħati tagħhom fejn ingħata il-*conditional discharge*.

Qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat lill-imputat illum appellant bħala immigrant projbit ai termini tal-Artikolu 5 (2) (d) u l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Imigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu fil-liġi jassigura li l-imputat jiġi deportat minn dawn il-gżejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-sentenza.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**